

Sommarju Eżekuttiv



**Ir-Rapport Annwali
tal-EASO tal-2018
dwar is-Sitwazzjoni
tal-Ażil
fl-UE**

L-24 ta' Ġunju 2019

Printed by Bietlot in Belgium

Il-manuskritt tlesta f'Ġunju 2019

La I-EASO u lanqas kwalunkwe persuna li taġixxi f'isem I-EASO ma huma responsabbli mill-użu li jista' jsir mit-tagħrif li ġej.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2019

Print ISBN 978-92-9476-762-2 doi:10.2847/179265 BZ-02-19-250-MT-C
PDF ISBN 978-92-9476-653-3 doi:10.2847/976333 BZ-02-19-250-MT-N

Qoxra: © European Asylum Support Office, Austin Tufigno

© European Asylum Support Office, 2019

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li mhuwiex taħt id-drittijiet tal-awtur tal-EASO, għandu jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet.



Sommarju Eżekuttiv

**Ir-Rapport Annwali
tal-EASO tal-2018
dwar is-Sitwazzjoni
tal-Ażil
fl-UE**

Taqsimiet tas-Sommarju Eżekuttiv

Introduzzjoni	3
Żviluppi fil-livell tal-UE	4
Protezzjoni Internazzjonali fl-UE+	8
Żviluppi importanti fil-livell nazzjonali	15
Il-Funzjonament tas-SEKA	16

Sommarju Eżekuttiv

Introduzzjoni

Ir-Rapport Annwali tal-EASO tal-2018 dwar is-Sitwazzjoni tal-Ażil fl-Unjoni Ewropea jipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva lejn l-iżviluppi fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali fil-livell Ewropew u fil-livell tas-sistemi tal-ażil nazżjonali. Ir-Rapport, abbażi ta' firxa wiesgħa ta' sorsi, jeżamina t-tendenzi statistiċi ewlenin u janalizza l-bidliet fil-pajjiżi tal-UE+ fir-rigward tal-leġiżlazzjoni, tal-politiki, tal-prattiki tagħhom kif ukoll tal-ġurisprudenza nazżjonali. Filwaqt li r-rapport jiffoka fuq oqsma ewlenin tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil, spiss jagħmel referenzi meħtieġa għall-kontest usa' tal-migrazzjoni u tad-drittijiet fundamentali.



Żviluppi fil-livell tal-UE

Fl-2018, ġew irrappurtati żviluppi sinifikanti fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni Ewropea.

In-negozjati interistituzzjonali dwar il-proposti tar-riforma tal-ażil baqgħu għaddejnin. F'Diċembru 2017, il-Kunsill Ewropew stabbilixxa mira biex sa Ġunju 2018 tintlaħaq pożizzjoni dwar riforma kumplessiva. Sar progress sinifikanti b'rabta ma' f'amsa minn seba' proposti: **I-Aġenzija tal-UE għall-Ażil**, **ir-Regolament Eurodac**, **ir-Regolament Qafas tal-UE dwar ir-Risistemazzjoni**, **ir-Regolament dwar Standards għall-Kwalifika** u **d-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza**, li għalihom il-koleġiżlaturi laħqu ftehim politiku wiesa' sal-iskadenza ta' Ġunju 2018. Madankollu, id-diverġenzi dwar għadd ta' kwistjonijiet kontroversjali p'persistew u l-maġġoranza tal-Istati Membri esprimew riżervi fl-adozzjoni ta' waħda jew aktar mill-proposti għal riforma tal-ażil qabel ma dawn kollha kienu lesti għall-adozzjoni, minkejja l-benefiċċju tal-adozzjoni ta' kull proposta individwali b'mod separat. Minn dakinhar, minkejja li sar xi progress fil-livell tekniku, il-Kunsill ma kienx kapaċi jadotta pożizzjoni dwar **ir-Regolament ta' Dublin** u **r-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil**; u għalhekk ir-riforma dwar l-ażil għadha ma gjetx finalizzata. Fl-2018, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu dwar ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil, li jfisser li adotta pożizzjonijiet dwar il-pakkett kollu tas-SEKA. Matul in-negozjati dwar il-proposti tar-riforma tal-ażil, gjet enfasizzata aktar solidarjetà fost il-pajjiżi u sens ta' responsabbiltà kondiviża bħala l-blokk fundamentali għall-funzjonament u l-ikkalibrar ulterjuri tas-SEKA.

Fl-allinjament mar-responsabbiltà tagħha biex tiżgura l-applikazzjoni korretta tad-dritt tal-Unjoni, il-Kummissjoni Ewropea ħadet passi fil-qafas tal-proċeduri ta' ksur fil-konfront tal-Bulgarija, tal-Ungerija, tal-Polnija u tas-Slovenja.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ħarġet 16-il sentenza dwar referenzi għal deċiżjonijiet preliminari li jinterpretaw ir-Regolament ta' Dublin, id-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Ażil u d-Direttiva dwar Standards għall-Kwalifika. Ma ħarġet l-ebda deċiżjoni dwar id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza, għalkemm żewġ każijiet rilevanti għadhom pendenti.

Aktar solidarjetà fost il-pajjiżi tal-UE+ u sens ta' responsabbiltà kondiviża ġew definiti bħala l-blokk fundamentali għall-funzjonament u l-ikkalibrar tas-SEKA.

Sejbiet Ewlenin

B'mod aktar speċifiku, il-QĠUE analizzat kwistjonijiet b'aspetti tekniċi tal-implimentazzjoni tat-talbiet biex tittieħed responsabbiltà u t-talbiet biex l-applikant jittieħed lura skont ir-Regolament ta' Dublin III, bħal limiti ta' żmien applikabbli fi stadji differenti tal-proċedura ta' Dublin; l-evidenza ppreżentata mill-applikanti

għal talbiet motivati dwar it-twemmin reliġjuż tagħhom u r-riskju ta' persekuzzjoni għal raġunijiet relatati mar-reliġjon; l-importanza ta' valutazzjoni individwali tal-applikazzjonijiet għall-ażil, li għandha titwettaq fil-kuntest ta' ċirkostanzi personali tal-applikant; il-valutazzjoni tal-fatti u ċ-ċirkostanzi marbuta mal-orjentazzjoni sesswali ddikjarata tal-applikanti; l-eliġibbiltà għall-protezzjoni sussidjarja tal-applikanti li jkunu sfaw vittmi ta' tortura, f'każ li jkunu miċħuda kura psikoloġika xierqa jekk jiġu rritornati fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom, anke jekk ma jibqax jeżisti riskju li jerġgħu jiġu ttorturati; l-ipproċessar ta' applikazzjonijiet imressqa minn persuni rreġistrati mal-Aġenzija ta' Fondi u tax-Xogħol tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati tal-Palestina fil-Lvant Qarib (UNRWA); ir-raġunijiet għall-esklużjoni fil-kuntest ta' protezzjoni sussidjarja; il-benefiċċji tas-sigurtà soċjali għar-refuġjati b'permessi ta' residenza temporanji; l-applikazzjoni għal kunċetti ta' pajjiż sikur; id-definizzjoni aktar fid-dettall tal-proċeduri dwar l-appelli tattieni istanza; u r-riunifikazzjoni tal-familja ta' minorenni mhux akkumpanjati li jilhq u l-età tal-maġġoranza wara li jkunu ressu applikazzjoni.

L-implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni kompliet fl-2018, kif miġbur fil-qosor fil-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-Implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni. Żviluppi rilevanti matul l-2018 irriflettwu sforz organizzat għat-tranżizzjoni minn risponsi ad hoc għal soluzzjonijiet durabbli u validi għall-futur fil-qasam tal-ażil. Filwaqt li qed jiġu żviluppati wkoll miżuri strutturali fit-tul, il-Kummissjoni identifikat għadd ta' miżuri immedjati biex jiġu indirizzati kwistjonijiet urġenti tul irrotot tal-Punent, Ċentrali u tal-Lvant tal-Mediterran, inkluż l-għoti ta' assistenza lill-Marokk, it-titjib tal-kundizzjonijiet għall-migranti fil-Libja b'enfasi fuq dawk

l-aktar vulnerabbli, u l-ottimizzazzjoni ulterjuri tal-flussi ta' ħidma operazzjonali fil-gżejjer Griegi.

Fil-Greċja...

Azzjoni ffukata fuq it-titjib tal-kundizzjonijiet tal-għajxien fil-hotspots b'enfasi fuq il-forniment tal-bżonnijiet ta' gruppi vulnerabbli.



Fil-Greċja, l-approċċ hotspot hu implimentat flimkien mad-Dikjarazzjoni bejn l-UE u t-Turkija li tinkludi fost l-għanijiet tagħha, il-prevenzjoni tal-ħolqien ta' rotot ġodda fil-baħar jew fuq l-art għall-migrazzjoni illegali mit-Turkija lejn l-UE. Fid-dawl tal-pressjoni migratorja kontinwa u l-għadd baxx ta' ritorni, l-approċċ hotspot kellu rwol ewlieni fl-istabbilizzazzjoni tas-sitwazzjoni fil-gżejjer. Azzjoni ffukata fuq it-titjib tal-kundizzjonijiet tal-għajxien fil-hotspots, b'enfasi fuq il-forniment tal-ħtiġijiet ta' gruppi vulnerabbli. Dawn l-isforzi kienu kkomplementati b'żieda fil-kapaċità ta' akkoljenza u b'leġiżlazzjoni ġdida dwar sistema ta' tutela nazzjonali għall-minorenni. Fl-istess ħin, l-affollament eċċessiv fil-gżejjer wassal għal pressjoni qawwija fuq l-infrastruttura, is-servizzi mediċi, u l-immaniġġjar tal-iskart, filwaqt li żdiedu t-tensjonijiet bejn il-migranti u partijiet tal-popolazzjoni. F'Marzu 2019, tliet snin wara d-Dikjarazzjoni bejn l-UE u t-Turkija, il-Kummissjoni ppubblikat rapport b'informazzjoni dwar ir-riżultati kumulattivi tat-tliet snin ta' implimentazzjoni tagħha.

Notevolment, il-wasliet irregolari mit-Turkija lejn il-gżejjer Griegi għadhom

97 % anqas mill-perjodu ta' qabel ma d-Dikjarazzjoni saret operattiva, filwaqt li t-telf ta' ħajjiet umani fil-baħar naqas drastikament. Fl-istess ħin, matul l-2018, kien hemm żieda sinifikanti fl-għadd ta' qsim irregolari mit-Turkija għall-Greċja mil-fruntiera fuq l-art, b'madwar nofs l-individwi li jaqsmu l-fruntiera jkunu ċittadini Torok. Dan jindika bżonn li jiġi intensifikat l-appoġġ fil-fruntiera. Minn Marzu 2019, 20 292 refuġjat Sirjan ġew risistemati mit-Turkija fil-pajjiżi tal-UE+, filwaqt li total ta' EUR 192 miljun ta' fondi tal-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF) ġew allokati biex jappoġġjaw l-ammissjoni legali tas-Sirjani mit-Turkija. Barra minn hekk, għal bejn l-2016 u l-2019, ġie mgħoddi total ta' EUR 6 biljun permezz tal-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija, b'nofshom jiġu minn fondi tal-UE u n-nofs l-ieħor jiġu minn kontribuzzjonijiet nazzjonali individwali ta' pajjiżi tal-UE+. Hemm bżonn ta' aktar progress fl-implimentazzjoni tar-ritorn lejn it-Turkija mill-gżejjer Griegi.

Fl-Italja...



L-aġenziji tal-UE komplew jipprovdu l-appoġġ tagħhom għall-implimentazzjoni tal-approċċ hotspot, billi adottaw il-livelli ta' persunal tagħhom skont il-ħtiġijiet eżistenti.

Fl-Italja, l-aġenziji tal-UE komplew jipprovdu l-appoġġ tagħhom għall-implimentazzjoni tal-approċċ hotspot, billi adattaw il-livelli ta' persunal tagħhom skont il-ħtiġijiet eżistenti. Fl-2018,

il-kontribut tal-UE għall-implimentazzjoni tal-approċċ hotspot fl-Italja, fost attivitaġġiet oħra, kien jinkludi t-twettiq ta' skrinjar sekondarju, l-għoti ta' assistenza medika, u medjazzjoni interkulturali. Barra minn hekk, l-UE kkontribwiet b'għajnuna finanzjarja, u l-iskjerament ta' esperti biex jappoġġjaw l-iskrinjar, ir-reġistrazzjoni, l-identifikazzjoni, u l-għoti ta' informazzjoni lill-migranti.

Matul l-2018, l-iżbark ta' migranti u refuġjati salvati fil-baħar fil-Mediterran xpruna diskussjonijiet dwar is-solidarjetà, il-kondiviżjoni tar-responsabbiltà u l-iżvilupp ta' approċċ tal-UE aktar tematiku u koordinat dwar l-iżbark, l-ewwel akkoljenza, ir-reġistrazzjoni u r-rilokazzjoni. Għal dan il-għan, tressqet l-idea li jiġu stabbiliti arranġamenti temporanji, li jistgħu jservu bħala soluzzjoni tranżitorja sakemm ir-Regolament ta' Dublin il-ġdid isir applikabbli, li huwa bbażat fuq l-esperjenza ta' soluzzjonijiet ad hoc għall-iżbark implimentati matul is-sajf tal-2018. Dawn l-arranġamenti temporanji jistgħu jiġu żviluppati fi pjan ta' ħidma trasparenti pass pass, ibbażat fuq fehim reċiproku ta' interessi kondiviżi, li jiżgura l-għoti ta' assistenza operazzjonali u effettiva mill-Kummissjoni, l-aġenziji tal-UE, u Stati Membri oħra lill-Istat Membru kkonċernat.

L-ammissjonijiet ta' risistemazzjoni u ta' għajnuna umanitarja huma mekkaniżmi ewlenin li joffru mogħdija sikura u legali lejn l-UE+ lill-persuni li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali, filwaqt li jtaffu l-pressjoni fuq pajjiżi li jospitaw għadd kbir ta' refuġjati.

Bejn l-2015 u l-2017, permezz tal-programmi differenti ta' risistemazzjoni tal-UE, total ta' 27 800 persuna ġew risistemati fl-Ewropa, filwaqt li taħt l-Iskema l-ġdida ta' Risistemazzjoni tal-UE, 20 Stat


Membri tal-UE wiegħdu aktar minn 50 000 post ta' risistemazzjoni biex jiġu implimentati sal-aħħar ta' Ottubru 2019, biex b'hekk din l-inizjattiva saret l-akbar sforz ta' risistemazzjoni li l-UE wettqet sal-lum. Minn Marzu 2019, immaterjalizzaw aktar minn 24 000 minn dawn ir-risistemazzjonijiet. Flimkien mal-Iskema ta' Risistemazzjoni tal-UE, il-programmi nazzjonali ta' risistemazzjoni għandhom ukoll rwol li jipprovdu direzzjoni legali u sikura lil individwi fil-bżonn ta' protezzjoni. Fl-aħħar nett, il-programmi ta' ammissjoni umanitarja, inklużi l-inizjattivi ta' sponsorizzazzjoni privata implimentati f'għadd ta' pajjiżi tal-UE+, jaġġtu kontribut sinifikanti għall-istess għan.

L-arranġamenti temporanji għall-iżbark, żviluppanti fi pjan ta' ħidma trasparenti u pass pass, ibbażati fuq fehim reċiproku ta' interessi komuni, jistgħu jiżguraw l-għoti ta' assistenza operazzjonali u effettiva mill-Kummissjoni, l-aġenziji tal-UE, u Stati Membri oħra lill-Istat Membru taħt pressjoni.

Sejbiet
Ewlenin

Fir-rigward tad-dimensjoni esterna tal-politika tal-migrazzjoni tal-UE, fl-2018, l-UE kompliet il-kooperazzjoni tagħha ma' sħab esterni biex tindirizza l-kwistjoni tal-migrazzjoni b'mod konstruttiv, permezz ta' approċċ komprensiv imsejjes fuq il-multilateraliżmu. Xi aspetti importanti mill-progress li sar f'dan il-qasam fl-2018 jinkludu: l-allokkazzjoni ta' riżorsi ulterjuri għall-implimentazzjoni ta' programmi fil-qafas tal-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza tal-UE għall-Afrika u l-Fond ta' Investiment Estern; il-ġlieda kontra n-netwerks tal-kuntrabandu permezz ta' miżuri operazzjonali għat-titjib tal-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi; il-promozzjoni ta' ritorn ordnat u r-riammissjoni fid-djalogu ma' pajjiżi sħab, kif ukoll l-għoti ta' assistenza għar-riintegrazzjoni; it-tisfih tal-ġestjoni tal-fruntieri permezz tal-iffirmar ta' ftehimiet dwar operazzjonijiet konġunti miż-żewġ naħat tal-fruntieri komuni, taħriġ, u qsim ta' għarfien espert; u l-għoti ta' assistenza għall-protezzjoni tar-refuġjati u l-migranti barra mill-pajjiż. Stadji futuri dwar id-dimensjoni esterna tal-politika ta' migrazzjoni tal-UE jinkludu l-konklużjoni tal-ftehimiet dwar l-istatus mal-pajjiżi Balkani tal-Punent; l-iżvilupp ta' ftehimiet ta' riammissjoni ma' pajjiżi terzi; u l-estensjoni ta' sħubiji operazzjonali ma' pajjiżi terzi fl-oqsma tal-investigazzjonijiet konġunti, tal-bini ta' kapaċità, u tal-iskambju ta' uffiċjali ta' kollegament.

Protezzjoni Internazzjonali fl-UE+



Is-664 480 applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali fl-UE+, immarkaw tnaqqis għat-tielet sena konsekuttiva, din id-darba b'10 %. Filwaqt li matul l-2018 l-għadd ta' applikazzjonijiet baqa' ferm stabbli, l-istabbiltà relattiva fil-livell tal-UE+ taħbi varjazzjoni kbira bejn l-Istati Membri u bejn ċittadinanzi individwali.

F'termini ta' xejriet statistiċi, fl-2018, kien hemm 664 480 applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali fil-pajjiżi tal-UE+, li immarkaw tnaqqis għat-tielet sena konsekuttiva, din id-darba b'10 %. Madwar 9 % tal-applikazzjonijiet kollha kienu jinvolvu applikanti ripetuti. In-numru ta' applikazzjonijiet li tressqu fl-UE+ kien simili għal dak tal-2014, meta tressqu 662 165 applikazzjoni. Ta' min jinnotta li, filwaqt li matul l-2018 l-għadd ta' applikazzjonijiet baqa' verament stabbli,

l-istabbiltà relattiva fil-livell tal-UE+ taħbi varjazzjoni kbira bejn l-Istati Membri u bejn ċittadinanzi applikanti individwali. Il-persone migratorja fil-fruntieri esterni tal-UE naqset għat-tielet sena konsekuttiva. Kien hemm żieda fl-għadd ta' detezzjonijiet fir-rotta tal-Mediterran tal-Punent (aktar milli rdoppjat), jiġifieri daqs l-għadd ta' detezzjonijiet fir-rotta tal-Mediterran tal-Lvant (madwar 57 000 kull wieħed).

Is-Sirja (mill-2013) (13 %), l-Afganistan u l-Iraq (7 % kull wieħed) kienu t-tliet pajjiżi ta' oriġini ewlenin tal-applikanti fl-UE+, li flimkien jikkostitwixxu aktar minn kwart tal-applikanti kollha fl-2018 (27 %).

L-ewwel 10 ċittadinanzi ta' oriġini kienu jinkludu wkoll lill-Pakistan, lin-Niġerja, lill-Iran, lit-Turkija (4 % kull wieħed), lill-Venezwela, lill-Albanija u lill-Georgia (3 % kull wieħed).

Fil-pajjiżi ġirien tas-Sirja - l-Iraq, il-Ġordan, il-Libanu, it-Turkija, l-Eġittu - u pajjiżi oħrajn tat-Tramuntana tal-Afrika, l-UN-HCR indika li n-numru ta' refuġjati Sirjani rreġistrati sal-aħħar tal-2018 kien jammonta għal madwar 5.7 miljun.

Fl-2018, simili għas-snin preċedenti, ftit aktar minn żewġ terzi tal-applikanti kollha kienu rġiel u terz kienu nisa. Kważi nofs l-applikanti kellhom bejn it-18 u l-35 sena, u kważi terz kienu minorenni.

Fl-2018, madwar 20 325 UAMs applikaw għall-protezzjoni internazzjonali fl-UE+, li jindika tnaqqis qawwi ta' 37 % meta mqabbel mal-2017. Is-sehem ta' UAMs

b'paragun mal-applikanti kollha kien ta' 3 %, simili għal dak tal-2017. Kważi tliet kwarti tal-applikazzjonijiet kollha ġew imressqa f'ħames pajjiżi biss tal-UE+: il-Ġermanja, l-Italja, ir-Renju Unit, il-Greċja u n-Netherlands.

Fir-rigward tal-pajjiżi riċeventi, fl-2018, il-biċċa l-kbira tal-applikazzjonijiet għall-ażil tressqu fil-Ġermanja, fi Franza, fl-Greċja, fl-Italja u fi Spanja. Dawn il-ħames pajjiżi flimkien ammontaw għal kważi tliet kwarti tal-applikazzjonijiet kollha mressqa fl-UE+. Il-Ġermanja rċeviet l-akbar numru ta' applikazzjonijiet (184 180) għas-seba' sena konsekuttiva, minkejja tnaqqis ta' 17 % meta mqabbel mal-2017.

L-applikazzjonijiet fi Franza żdiedu għar-raba' sena konsekuttiva, biex fl-2018 laħqu l-120 425, l-ogħla livell irreġistrat fi Franza sa issa. Il-Greċja saret il-pajjiż bit-tielet l-ogħla numru ta' applikazzjonijiet li tressqu fl-UE+ fl-2018, żieda għall-ħames sena konsekuttiva, għal 66 965 applikazzjoni. Bidla sinifikanti seħħet fl-Italja, fejn l-applikazzjonijiet naqsu bi 53 %. Spanja baqgħet fil-ħames post, iżda l-applikazzjonijiet żdiedu minn 36 605 fl-2017 għal 54 050 fl-2018.

Dan jenfasizza xejra mħallta importanti msemmija fil-bidu ta' din it-taqsim: it-tnaqqis globali ta' 11 % fl-applikazzjonijiet bejn l-2017 u l-2018 fl-UE+ kien rifless fi ftit aktar min-nofs tal-pajjiżi tal-UE+, fil-waqt li fin-nofs l-ieħor, l-applikazzjonijiet żdiedu, u fxi pajjiżi żdiedu b'mod sostanzjali. Il-ħames pajjiżi riċeventi per capita


kienu jinkludu lil **Ċipru, il-Greċja, Malta, il-Liechtenstein u l-Lussemburgu.**

Il-flussi ewlenin tal-ażil, b'mod aktar speċifiku, id-dijadi taċ-ċittadinanzi fl-pajjiżi riċeventi, jipprovdu stampa kemxejn aktar sfumata minn kunsiderazzjonijiet separati tal-pajjiżi ta' oriġini u l-pajjiżi riċeventi.

L-għaxar influssi ewlenin fl-2018 kienu diretti lejn il-Ġermanja, Franza, il-Greċja u Spanja. L-Italja ma kinitx fuq in-naħa riċeventi tal-għaxar flussi ewlenin, minkejja li b'mod ġenerali kienet ir-raba' pajjiż riċeventi; dan aktarx isegwi t-tnaqqis f'ċittadinanzi speċifiċi li japplikaw fl-Italja kif ukoll id-diversifikazzjoni tal-applikazzjonijiet.

L-għaxar flussi ewlenin kienu jinvolvu seba' ċittadinanzi, kollha fost l-ewwel għaxar ċittadinanzi ta' oriġini għall-2018: Minkejja li b' mod ġenerali l-applikazzjonijiet naqsu, il-Ġermanja rċeviet xejn anqas minn sitta mill-akbar għaxar influssi minn ċittadinanzi speċifiċi: Sirjani, Iraqqini, Afgani, Iranjani, Niġerjani, u Torok. Il-Greċja rċeviet tnejn mill-flussi ewlenin (Sirjani lejn il-Greċja u Afgani lejn il-Greċja). Kemm Spanja kif ukoll Franza rċevew biss wieħed mill-flussi ewlenin: Venezwelani lejn Spanja (it-tieni l-akbar influss speċifiku f'pajjiż tal-UE+ fl-2018) u Afgani lejn Franza. Il-Pakistani, l-Albaniżi u l-Georgjani kienu fost l-ewwel għaxar ċittadinanzi ta' oriġini fl-UE+ b'mod ġenerali.

L-aktar applikazzjonijiet komuni għall-protezzjoni internazzjonali fl-2018, skont il-pajjiż tal-UE+ u ċ-ċittadinanzi ta' oriġini




Sors: Eurostat

B'kollox fl-2018, ġew irtirati madwar 57 390 applikazzjoni madwar il-pajjiżi tal-UE+, nofshom kienu fl-2017. Il-proporzjon ta' applikazzjonijiet irtirati meta mqabbel man-numru totali ta' applikazzjonijiet imressqa fl-UE+ kien ta' 9 % anqas mis-sena preċedenti. Skont id-data tal-EASO, u simili għas-sinjori preċedenti, madwar 80 % tal-applikazzjonijiet irtirati fl-UE+ kienu impliċiti.

F'termini ta' każijiet pendenti, fi tmien l-2018, madwar 896 560 applikazzjoni kienet għadha ma tteħditx deċiżjoni finali dwarhom fl-UE+, li jirrappreżenta tnaqqis ta' 6 % meta mqabbel mal-2017.

In-numru ta' każijiet pendenti fi tmien l-2018 kien pjuttost ogħla milli fi tmien l-2014; madankollu ġie rreġistrat tnaqqis għat-tieni sena konsekuttiva. Ta' min jinnota li l-għadd ta' każijiet pendenti fil-prim'istanza kien kważi daqs l-għadd ta' każijiet pendenti fit-tieni istanza u f'istanzi ogħla, kull wieħed ta' madwar 448 000. Konsegwentement, fi tmien l-2018, il-pessjoni fuq is-sistemi nazzjonali tal-ażil dehret li kienet imqasma b'mod ugwali bejn l-awtoritajiet tal-ażil u l-korpi ġudizzjarji.

Każijiet pendenti fi prim'istanza (blu skur) u f'istanza finali (blu ċar), bejn l-2015 u l-2018



Sors: Data tal-Eurostat u tal-EPS tal-EASO.

L-aktar nazzjonalitajiet li għadhom qed jistennew deċiżjoni baqgħu l-istess bħal fl-2017, jgħifieri **I-Afgani, is-Sirjani, I-Iraqqini, in-Niġerjani u I-Pakistani**. Filwaqt li għal kull waħda minn dawn in-nazzjonalitajiet li l-volum naqas, xorta jikkostitwixxu aktar min-nofs il-volum fl-UE+. Fi tmiem l-2018, il-**Ġermanja** kompliet tkun il-pajjiż bl-akbar volum ta' każijiet pendenti fl-istanzi kollha, minkejja tnaqqis żgħir meta mqabbel ma' sena qabel. L-**Italja** baqgħet it-tieni pajjiż tal-UE+ bl-ogħla numru ta' każijiet pendenti, iżda l-volum naqas bi kważi terz meta mqabbel ma' tmiem l-2017.

Spanja kellha l-akbar żieda assoluta f'każijiet pendenti, fejn irduppjat għal kważi 79 000 fi tmiem l-2018. Kien hemm ukoll żieda assoluta fil-**Greċja**, fejn il-volum żieded aktar minn 76 000. Franza wkoll irrappurtat aktar każijiet pendenti milli kien hemm sena ilu, sa kważi 53 000. Fl-istess ħin, f'madwar nofs il-pajjiżi tal-UE+, il-volum ta' każijiet pendenti naqas.

F'sitt pajjiżi, it-tnaqqis kien b'aktar minn elf każ; barra minn hekk, f'erba' minnhom (il-**Ġermanja**, l-**Italja**, l-**Awstrija** u l-**Iżvezja**), it-tnaqqis kien ta' aktar minn 10 000 każ.

B'mod ġenerali, l-iżviluppi fil-volum ta' każijiet pendenti jidhru li fil-biċċa l-kbira kienu marbuta ma' applikazzjonijiet għall-ażil ġodda. Il-pajjiżi bl-akbar tnaqqis fil-volum tagħhom ta' każijiet pendenti kienu wkoll dawk li esperjenzaw l-akbar tnaqqis fl-applikazzjonijiet għall-ażil matul l-2018. Il-kuntrarju kien minnu wkoll: it-tliet pajjiż bl-aktar żidiet notevoli fil-volum ta' każijiet pendenti kienu wkoll soġġetti għall-aktar żidiet sinifikanti fl-applikazzjonijiet għall-ażil.

Il-pajjiżi tal-UE+ ħarġu 601 525 deċiżjoni ta' prim'istanza fl-2018, tnaqqis kbir ta' 39 % meta mqabbel mal-2017. Għalhekk, b'mod ġenerali fl-2018, tressqu aktar applikazzjonijiet milli nħarġu fl-UE+. Il-maġġoranza tad-deċiżjonijiet (367 310,

jew 61 %), kienu negattivi; ma jagħtu l-ebda protezzjoni. Madwar 234 220 deċiżjoni kienu pożittivi; minn dawn, il-maġġoranza ngħataw status ta' refuġjati (129 685 jew 55 % tad-deċiżjonijiet pożittivi kollha), u proporzjon iżgħar ingħataw protezzjoni sussidjarja (63 100 jew 27 %) jew protezzjoni umanitarja (41 430 jew 18 %). Għalkemm b'mod ġenerali ħarġu anqas deċiżjonijiet pożittivi, meta mqabbel mas-sena li għaddiet, proporzjon oġhla ta' deċiżjonijiet pożittivi taw status ta' refuġjat. Fir-rigward tal-volum ta' deċiżjonijiet tal-prim'istanza maħruġa f'kull pajjiż, il-biċċa l-kbira tad-deċiżjonijiet inħarġu fil-**Ġermanja** (30 % tad-deċiżjonijiet kollha), fi **Franza** (19 %) u fl-**Italja** (16 %). B'mod konġunt, dawn it-tliet pajjiżi ħarġu madwar żewġ terzi tad-deċiżjonijiet kollha maħruġa fl-UE+.

Ir-rata ta' rikonossiment totali tal-UE+ f'deċiżjonijiet tal-prim'istanza fl-2018 kienet ta' 39 %, tnaqqis ta' 7 punti perċentwali mis-sena preċedenti. Dan it-tnaqqis seħħ prinċipalment minħabba tnaqqis fir-rati ta' rikonossiment għal diversi ċittadinanzi ta' oriġini, u b'mod partikolari għal dawk b'għadd kbir ta' deċiżjonijiet maħruġa. Meta mqabbel mas-sena preċedenti, ġew irreġistrati rata ta' rikonossiment aktar baxxi għall-applikanti mis-Somalja, l-Iran, l-Iraq, l-Eritrea u s-Sirja. B'kuntrast ma' dan, għet irrappurtata varjazzjoni għall-aħjar għal applikanti mill-Venezwela, miċ-Ċina, minn El Salvador u mit-Turkija.

L-oġhla rati ta' rikonossiment tal-UE+ kienu għall-applikanti mill-Jemen (89 %), mis-Sirja (88 %) u mill-Eritrea (85 %), u l-aktar rati ta' rikonossiment baxxi kienu għal applikanti mill-Moldova (1 %), mill-Maċedonja ta' Fuq (2 %) u mill-Georgia (5 %).

Ir-rati ta' rikonossiment kellhom tendenza li jvarjaw bejn il-pajjiżi tal-UE+, kemm

f'valuri relattivament baxxi kif ukoll għoljin tar-rati ta' rikonossiment, b'mod partikolari għal applikanti mill-Afganistan, mill-Iran, mill-Iraq u mit-Turkija. Il-varjazzjoni fir-rati ta' rikonossiment kienet aktar limitata għall-applikanti mill-Albanija, mill-Bangladesh u min-Niġerja, kif ukoll għall-applikanti Eritreani u Sirjani.




Għal ċittadinanzi individwali, varjazzjoni fir-rati ta' rikonossiment fost il-pajjiżi tal-UE+ tista' tissuġġerixxi, sa ċertu punt, nuqqas ta' armonizzazzjoni f'termini ta' Prattiki ta' teħid ta' deċiżjonijiet (minħabba valutazzjoni differenti tas-sitwazzjoni fil-pajjiż ta' oriġini, interpretazzjoni differenti tal-kunċetti legali, jew minħabba l-ġurisprudenza nazzjonali). Madankollu, dan jista' jindika wkoll li anke fost applikanti mill-istess pajjiż ta' oriġini, xi pajjiżi tal-UE+ jistgħu jilqgħu individwi b'raġunijiet ta' protezzjoni

differenti ħafna, bħal pereżempju, minoranzi etniċi speċifiċi, nies minn ċerti reġjuni f'pajjiż, jew applikanti li huma tfal mhux akkumpanjati.

Rigward l-eżaminazzjoni ta' applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali fil-prim'istanza, l-Istati Membri jistgħu jużaw proċeduri speċjali, bħal żoni tal-fruntiera, aċċellerati jew proċedura prijoritarji, filwaqt li jibqgħu jimxu mal-prinċipji u l-garanziji bażiċi previsti fil-leġiżlazzjoni Ewropea dwar l-ażil. Filwaqt li ħafna mid-deċiżjonijiet tal-prim'istanza maħruġa fl-UE+ li jużaw proċeduri aċċellerati jew fuq il-fruntiera jwasslu għal ċaħda tal-applikazzjoni f'perċentwal ogħla b'mod sinifikanti, hemm każijiet fejn il-protezzjoni internazzjonali tingħata bl-użu ta' proċeduri speċjali. Skont data skambjata fil-qafas tas-Sistema ta' Twissija Bikrija u Thejjiya tal-EASO, ir-rata ta' rikonossiment għal deċiżjonijiet tal-prim'istanza maħruġa bl-użu ta' proċeduri aċċellerati kienet ta' 11 %, filwaqt li għal dawk li jużaw il-proċedura fuq il-fruntiera, kienet ta' 12 %.

Għal deċiżjonijiet maħruġa f'appell jew rieżami, fl-2018, il-pajjiżi tal-UE+ ħarġu 314 915 deċiżjoni fit-tieni istanza jew f'istanza ogħla, żieda ta' 9 % meta mqabbla mal-2017. Barra minn hekk, fl-2018 sehem akbar mid-deċiżjonijiet finali taw xi forma ta' protezzjoni: ir-rata ta' rikonossiment għad-deċiżjonijiet maħruġa fil-prim'istanza kienet ta' 37 %, aktar mit-33 % fl-2017. Tliet kwarti tad-deċiżjonijiet finali kollha fl-2018 inħarġu minn tliet pajjiżi tal-UE+: Il-**Ġermanja**, **Franza** jew l-**Italja**. Żvilupp ewlieni kienet iż-żieda qawwija fl-għadd ta' deċiżjonijiet finali maħruġa lil applikanti minn pajjiżi Afrikani tal-Punent, bħall-**Gambja**, mill-**Kosta tal-Avorju**, min-**Niġerja** u mis-**Senegal**.



Għall-funzjonament tas-sistema ta' Dublin fl-2018, għadd ta' żviluppi jistgħu jiġu rrapportati fuq il-bażi tad-data tal-EASO, li indikat tnaqqis globali ta' 5 % fin-numru ta' deċiżjonijiet f'talbiet għal Dublin. Barra minn hekk, 28 pajjiż tal-UE+ regolarmet skambjaw data dwar id-deċiżjonijiet li rċevew dwar it-talbiet tagħhom għal Dublin fl-2018. Ir-Renju Unit qasam data għall-perjodu ta' bejn Awwissu u Diċembru 2018. It-28 pajjiż tal-UE+ rċevew 138 445 deċiżjoni dwar it-talbiet tagħhom għal Dublin, u jekk jitqies ir-rappurtar parzjali mir-Renju Unit in-numru jiżdied għal 139 984. Fl-2018, il-proporzjon tad-deċiżjonijiet ta' Dublin irċevuti meta mqabbel mal-applikazzjonijiet għall-ażil kien ta' 23 %, żieda żgħira meta mqabbel mal-2017. Dan jista' jimplika li għadd kbir ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali komplew iwerttqu movimenti sekondarji fil-pajjiżi tal-UE+. Il-**Ġermanja** u **Franza** rċevew il-biċċa l-kbira tad-deċiżjonijiet dwar talbiet għal Dublin, li jammontaw għal 37 % u 29 % rispettivament. Pajjiżi oħra li rċevew għadd kbir ta' tweġibiet fl-2018 kienu jinkludu n-**Netherlands**, il-**Belġju**, l-**Awstrija**, l-**Italja**, l-**Iżvizzera** u l-**Greċja**. L-aktar bidliet importanti meta mqabbel mal-2017 kienu jinkludu żieda sinifikanti fid-deċiżjonijiet ta' Dublin maħruġa mill-**Greċja** u minn **Spanja**. Fl-istess ħin, kien hemm tnaqqis fl-għadd ta' każijiet li

fihom intużat il-klawsola diskrezzjonarja fil-konfront tal-Greċja. Madankollu, dan it-tnaqqis kien żgħir ħafna meta mqabbel maż-żieda fid-deċiżjonijiet Griegi.

Ir-rata ġenerali ta' aċċettazzjoni għal deċiżjonijiet dwar talbiet ta' Dublin fl-2018 kienet ta' 67 %, tnaqqis ta' 8 punti perċentwali mill-2017, filwaqt li fil-pajjiżi baqgħet teżisti varjazzjoni fir-rati ta' aċċettazzjoni. Il-biċċa l-kbira tad-deċiżjonijiet ta' Dublin fl-2018 kienu jikkonċernaw ċittadini tal-Afganistan (9 % tat-total), in-Niġerja (8 %), l-Iraq (6 %) u s-Sirja (6 %). Barra minn hekk, l-Artikolu 17(1) tar-Regolament ta' Dublin, magħruf bħala l-klawsola diskrezzjonali jew ta' sovraniżà, ġie invokat aktar minn 12 300 darba fl-2018; fi kważi żewġ terzi tal-każijiet kollha, il-klawsola diskrezzjonali ġiet applikata fil-Ġermanja.

Żewġ rapporti dwar il-każijiet li fihom ġie invokat l-Artikolu 17(1) identifikaw l-identità tal-Italja bħala l-pajjiż sieħeb li lilu setgħet tintbagħat talba, 22 % identifikaw lill-Greċja u 9 % lill-Ungerija. Fl-2018, il-pajjiżi rapportaturi implimentaw aktar minn 28 000 trasferiment. Meta wieħed iqis it-26 pajjiż tal-UE+ li rrapportaw b' mod regolari kemm fl-2017 kif ukoll fl-2018, l-għadd globali ta' trasferimenti

implimentati żdied b'madwar 5 %. Fl-2018, kważi terz tat-trasferimenti twettqu mill-**Ġermanja**, filwaqt li l-**Greċja** u **Franza** implimentaw ukoll għadd kbir ta' trasferimenti. Aktar min-nofs il-persuni trasferiti marru l-Ġermanja u l-Italja. Pajjiżi oħra li rċevew għadd sinifikanti ta' trasferimenti kienu jinkludu lil **Franza**, lill-**Liżvezja**, lir-**Renju Unit**, lil **Spanja** u lill-**Liżvizzera**.

B'mod ġenerali, l-iżviluppi ewlenin fil-pajjiżi tal-UE+ fir-rigward tal-proċeduri ta' Dublin kienu jirriflettu l-volum ta' każijiet li kien jeftieġ li jiġu pproċessati; bidliet organizzazzjonali sostanzjali f'għadd ta' pajjiżi tal-UE+; il-valutazzjoni tal-aħjar interess tat-tfal fil-kuntest tal-proċeduri ta' Dublin; it-tkomplija tat-talbiet lill-Greċja biex tieħu responsabbiltà ta'/tieħu lura lil applikanti min numru ta' pajjiżi tal-UE+; il-konklużjoni ta' ftehimiet bilaterali bejn diversi pajjiżi tal-UE+ sabiex jitħaffew il-proċeduri ta' Dublin u jittejjbu l-opzjonijiet ta' trasferiment; u miżuri biex tiġi żgurata l-identifikazzjoni korretta u fwaqtha ta' applikanti vulnerabbli u l-ħtiġijiet speċjali tagħhom fil-kuntest tal-proċeduri ta' Dublin. Simili għall-2016 u l-2017, is-sospensjoni (sħiħa jew parzjali) tat-trasferimenti ta' Dublin lejn l-Ungerija kompliet ukoll tul l-2018.

Żviluppi importanti fil-livell nazzjonali



Numru ta' pajjiżi tal-UE+ **emendaw il-leġiżlazzjoni tagħhom** dwar il-protezzjoni internazzjonali. Bidliet sinifikanti li saru, pereżempju, mill-Awstrija, mill-Belġju, minn Franza, mill-Ungerija, mill-Italja, u mis-Slovakkja, filwaqt li pajjiżi oħra emendaw ukoll il-leġiżlazzjoni tagħhom f'diversi oqsma relatati mal-ażil. Fi sforz biex jikkalibraw l-integrità tas-sistemi nazzjonali tal-ażil tagħhom, fl-2018 il-pajjiżi tal-UE+ introduċew, politiki u prattiki mmi-rati biex jidentifikaw malajr applikazzjonijiet bla bażi għall-protezzjoni u li jiżguraw li ma jintilfux riżorsi finanzjarji, umani u ta' ħin fuq tali talbiet.



Tali **miżuri** kienu jinvolvu sforzi biex malajr kemm jista' jkun tiġi stabbilita l-identità tal-applikanti, inklużi l-età, il-pajjiż ta' oriġini u r-rotta tal-ivvjaġġar tagħhom; jiġi vvalutat kwalunkwe tħassib ta' sigurtà potenzjali; tiġi vvalutata aħjar il-kredibbiltà tad-dikjarazzjonijiet tal-applikanti; u jiġi ddeterminat jekk il-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali għadx għandhom bżonn ta' protezzjoni. It-titjib fl-għoti ta' informazzjoni lill-applikanti u lill-benefiċjarji tal-protezzjoni rigward id-drittijiet u l-obbligi f'kull stadju tal-proċess kien ukoll maħsub biex jimpedixxi l-użu ħażin mhux intenzjonat tal-proċedura ta' ażil.



Sabiex **tiżdied l-effiċjenza** tas-sistemi tal-ażil, l-inizjattivi meħuda mill-pajjiżi tal-UE+ ifukaw fuq ir-riorganizzazzjoni tal-proċeduri għall-ottimizzazzjoni tal-alkokazzjoni u l-użu tar-riżorsi disponibbli; enfasi fuq il-ġbir ta' informazzjoni mingħand l-applikanti fl-istadji bikrija tal-proċess; id-diġitalizzazzjoni u l-użu ta' teknoloġiji ġodda; u l-prijoritizzazzjoni jew l-intraċċar rapidu tal-applikazzjonijiet. Fl-aħħar nett, fl-2018, l-isforzi biex tinżamm aktar kwalità fil-funzjonament tas-sistemi tal-ażil kienu jinkludu taħriġ tal-persunal skont il-ħtiġijiet eżistenti fl-pajjiżi tal-UE+, ir-reviżjoni ta' materjali ta' gwida eżistenti, u l-implimentazzjoni ta' sistemi ta' kontroll tal-kwalità u għodod ta' appoġġ fit-teħid

tad-deċiżjonijiet dwar l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni.



Fl-2018, l-EASO kompli bit-tweġġiq tal-mandat tiegħu billi ffaċilita l-kooperazzjoni prattika bejn l-Istati Membri u pprova appoġġ lill-pajjiżi li s-sistemi tal-ażil u tal-akkoljenza tagħhom kienu taħt pressjoni.

Fl-istess ħin, l-EASO kompli bit-tweġġiq tal-mandat tiegħu billi ffaċilita l-kooperazzjoni prattika bejn il-pajjiżi tal-UE+ u pprova appoġġ lill-pajjiżi li s-sistemi ta' ażil u akkoljenza tagħhom kienu taħt pressjoni, jiġifieri l-Bulgarija, fejn tlesta l-Pjan ta' Appoġġ Speċjali, Ċipru, l-Italja u l-Greċja. Dan l-appoġġ ġie mfassal skont il-ħtiġijiet ta' kull pajjiż u kien jinkludi l-assistenza fl-għoti ta' informazzjoni lill-applikanti; l-immuniġġar tar-reġistrazzjonijiet u t-talba biex tittieħed responsabbiltà u t-talba biex l-applikant jittieħed lura ta' Dublin; l-organizzazzjoni ta' attivitajiet fil-qasam tas-COI; it-titjib tal-kapaċità ta' akkoljenza, b'mod partikolari fir-rigward tal-minorenni mhux akkumpanjati; l-għoti ta' appoġġ għall-proċedura tal-ażil, l-akkoljenza, u l-bini ta' kapaċità fl-implimentazzjoni tas-SEKA; u l-għoti ta' appoġġ fl-immuniġġar tal-każijiet pendenti. L-EASO saħħaħ ukoll id-djalogu tiegħu mas-soċjetà ċivili, billi organizza laqgħat tematiċi dwar oqsma ta' interess ewlenin.

Il-Funzjonament tas-SEKA

Fl-2018, il-pajjiżi tal-UE+ introduċew għadd ta' bidliet fl-ewwel stadji tal-proċedura tal-ażil bil-għan li jiksbu kemm jista' jkun informazzjoni mingħand l-applikanti u fl-aktar stadju bikri possibbli.

Ġew innutati żviluppi importanti fl-oqsma tematiċi ewlenin tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil:

Fir-rigward tal-aċċess għall-proċedura, fl-2018, bħala tendenza ġenerali, il-pajjiżi tal-UE+ introduċew għadd ta' bidliet fl-ewwel stadji tal-proċedura bil-għan li jiksbu kemm jista' jkun informazzjoni mingħand l-applikanti fi stadju bikri. Dawn il-bidliet kienu jinkludu l-istabbiliment ta' ċentri tal-wasla, l-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda għall-identifikazzjoni aħjar tal-applikanti, u l-estensjoni tal-obbligi għall-applikanti biex jikkooperaw mal-awtoritajiet u jipprovdu d-dokumentazzjoni meħtieġa fi stadju bikri tal-proċedura. Aktar informazzjoni dwar il-proċess ġiet ipprovduta wkoll lill-applikanti, inkluża informazzjoni dwar ritorn volontarju. Fl-istess fin, id-dibattitu dwar l-iżbark ta' migranti salvati fil-baħar Mediterran qajjem dubji fundamentali dwar approċċ sistemiku madwar l-UE kollha għal aċċess sikur u effettiv għall-proċedura għal persuni salvati fuq il-baħar. B'mod ġenerali, tqajmu diversi punti ta' tħassib minn atturi tas-soċjetà ċivili f'għadd ta' pajjiżi tal-UE+ fir-rigward tal-aċċess effettiv għat-territorju u l-aċċess għall-proċedura tal-ażil, inkluża l-okkorrenza ta' push-backs fuq il-fruntiera u l-eżistenza ta' ostakoli prattiċi fl-aċċess għall-proċedura b'mod effettiv u fi żmien raġonevoli.

Il-persuni li qed ifittxu protezzjoni internazzjonali jeħtieġu informazzjoni biex jifhmu liema riżorsi huma disponibbli biex jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' protezzjoni u ċ-ċirkostanzi personali tagħhom mal-wasla tagħhom fl-Ewropa. Fl-2018, kemm l-amministrazzjonijiet nazżjonali kif ukoll is-soċjetà ċivili tal-pajjiżi tal-UE+ komplew isaħħu l-isforzi tagħhom biex jipprovdu informazzjoni preċiża u komprensiva lill-persuni li qed ifittxu protezzjoni internazzjonali. Barra minn hekk, l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet tal-UE+ titwessa' biex tinkludi d-drittijiet u l-obbligi fil-kontenut tal-protezzjoni, kif ukoll l-integrazzjoni, inkluża l-organizzazzjoni ta' sessjonijiet ta' taħriġ ta' induzzjoni għal applikanti jew benefiċjarji ta' status ta' refuġjat u status ta' protezzjoni sussidjarja, fil-pajjiżi ospitanti. L-aċċess għall-informazzjoni għal minorenni mhux akkumpanjati baqa' l-ogħla prijorità madwar l-UE+, filwaqt li fl-2018 kien hemm żieda fl-użu ta' għodod u teknoloġiji tal-midja ġodda biex tiżdied l-aċċessibilità.

L-assistenza u r-rappreżentanza legali huma wkoll kundizzjoni neċessarja għall-aċċess effettiv tal-applikanti għall-proċess tal-ażil. Fl-2018, il-bidliet introdotti mill-pajjiżi tal-UE+ fil-qasam tal-assistenza u r-rappreżentanza legali kienu jikkonċernaw l-estensjoni tal-assistenza għal stadji differenti tal-proċess tal-ażil u, xi drabi, il-bidliet għall-atturi involuti fil-forniment ta' servizzi legali. Flimkien mal-inizjattivi mwettqa mill-awtoritajiet, l-atturi tas-soċjetà ċivili, speċjalment organizzazzjonijiet b'esperjenza operattiva, kellhom ukoll rwol fl-identifikazzjoni tal-isfidi u tal-limitazzjonijiet eżistenti.

Interpretazzjoni effettiva hija essenzjali għal komunikazzjoni xierqa bejn l-applikant u l-awtoritajiet f'kull stadju tal-proċess tal-ażil, mill-aċċess għall-proċedura, sal-istadij tal-applikazzjoni, l-eżami u l-appell. Minkejja t-tnaqqis fl-għadd ta' applikazzjonijiet fl-2018, id-diversità lingwistika fost l-applikanti baqgħet kważi fl-istess livelli bħal fl-2017, u b'hekk l-interpretazzjoni għet imqiegħda fuq quddiem nett tal-ħtiġijiet proċedurali.

B'mod ġenerali, l-oqfsa legali u ta' politika nazzjonali baqgħu fil-biċċa l-kbira stabbli fir-rigward tal-interpretazzjoni, b'bidliet minuri mmirati biex jiġu ċċarati aspetti proċedurali tal-provviista tal-interpretazzjoni. Sfidi ta' identifikazzjoni fil-pajjiżi tal-UE+ f'dan il-qasam, xi drabi, kienu jinkludu nuqqasijiet fir-riżorsi umani disponibbli f'ċerti stadji tal-proċedura tal-ażil u kwalifiki insuffiċjenti ta' interpreti involuti fil-proċess.

Rigward l-eżaminazzjoni tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali fil-prim'istanza, l-Istati Membri jistgħu jużaw proċeduri speċjali, bħal proċeduri aċċellerat, żoni tal-fruntiera jew proċeduri prijoritarji, filwaqt li jibqgħu konformi mal-prinċipji u mal-garanziji bażiċi previsti fil-leġiżlazzjoni Ewropea dwar l-ażil. Fl-**Italja**, l-Hekk imsejjaħ Digriet dwar l-Immigrazzjoni u s-Sigurtà introduċa proċeduri simplifikati u aċċellerati għall-eżaminazzjoni tal-applikazzjonijiet, sabiex jiġu evitati applikazzjonijiet frawdolenti u jitnaqqsu l-ħinijiet ta' pproċessar. Fl-2018, komplet l-implimentazzjoni ta' proċedura trans-fruntiera aċċellerata fil-**Greċja**, bl-implimentazzjoni tad-dikjarazzjoni bejn l-UE u t-Turkija, applikata għal persuni li jfittxu l-protezzjoni internazzjonali fil-gżejjer ta' Lesvos, Chios, Samos, Leros u Kos. Fi **Franza**, ġew introdotti bidliet, fost l-oħrajn, fil-perjodi ta' żmien applikabbli

fil-kuntest ta' proċeduri aċċellerati. Fir-rigward tal-proċeduri ta' ammissibbiltà, f'għadd ta' pajjiżi tal-UE+, il-kundizzjonijiet għall-inammissibbiltà ġew elaborati aktar, filwaqt li kunċetti ta' pajjiżi sikuri ġew użati b'mod regolari, b'diversi pajjiżi jirrevedu u jemendaw il-listi nazzjonali taġħhom ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri.

Fl-2018, id-dispożizzjonijiet li jiddeterminaw il-proċeduri regolari tal-prim'istanza baqgħu relattivament stabbli fil-livell nazzjonali fil-pajjiżi tal-UE+. Bidliet leġiżlattivi u ta' politika ewlenin li jaffettwaw, pereżempju, **L-Aċċess għall-proċedura** jew **Proċeduri Speċjali**, kellhom impatt fuq dan l-aspett ukoll, iżda b'mod ġenerali, il-pajjiżi ma rrapportaw l-ebda emenda sostanzjali li kienet tirriżulta fir-reviżjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni, tal-politiki u tal-prattiki għall-proċedura regolari. Il-bidliet adottati kellhom l-għan ewleni li b'mod ġenerali jagħmlu l-proċess aktar effiċjenti, kif irrapportat b'mod simili fir-Rapport Annwali għall-2017.



L-interpretazzjoni bħala
ħtieġa proċedurali

Fl-2018, id-diversità lingwistika fost l-applikanti baqgħet kważi fl-istess livelli bħal fl-2017, u dan iqiegħed l-interpretazzjoni fuq quddiem nett tal-ħtiġijiet proċedurali.

Il-bidliet li saru kienu jikkonċernaw ir-reviżjoni tal-limiti ta' żmien applikabbli għall-proċedura tal-ażil, l-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda għall-ġestjoni elettronika tal-applikazzjonijiet; bidliet

fil-kamp ta' applikazzjoni personali tal-applikazzjonijiet; id-disponibbiltà ta' assistenza legali fil-prim'istanza; kooperazzjoni u kooperazzjoni mwessgħa bejn l-awtoritajiet fil-prim'istanza; bidliet fil-kamp ta' applikazzjoni tar-raġunijiet għal esklużjoni; u inizjattivi biex jiġi pprovdut appoġġ sostnut u gwida lill-persunal involut fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' prim'istanza.

Fil-qasam tal-akkoljenza, fl-2018, l-iżviluppi fil-pajjiżi tal-UE+ kienu jikkonċernaw l-organizzazzjoni ġenerali tas-sistemi ta' akkoljenza b'reazzjoni għax-xejriet fl-applikazzjonijiet, inklużi l-iskemi ta' ridistribuzzjoni u kollokament u t-tipi ta' faċilitajiet ta' akkoljenza li qed jinbidlu. Filwaqt li xi pajjiżi naqqsu l-kapaċità ta' akkoljenza tagħhom b'mod sinifikanti, oħrajn kellhom ikompli bl-isforzi biex iżidu l-għadd ta' postijiet disponibbli biex jaqblu maż-żieda fl-għadd ta' applikazzjonijiet fil-livell nazzjonali. L-organizzazzjoni tal-akkoljenza ġiet immodifikata b'mod sostanzjali bin-numru dejjem jikber ta' ċentri tal-wasla madwar il-pajjiżi tal-UE+. Ħafna inizjattivi mmiraw ukoll li jtejbu l-kwalità tal-kundizzjonijiet ta' akkoljenza: l-istabbiliment ta' koordinazzjoni aħjar fost id-diversi partijiet ikkonċernati, il-ħolqien ta' għodod ta' monitoraġġ, l-iżgurar tal-manutenzjoni tal-faċilitajiet.

L-iżgurar li ma jkun hemm l-ebda tħassib dwar is-sikurezza jew kunflitti fil-faċilitajiet ta' akkoljenza kien ta' enfasi ewlenija għal ħafna stati. Dan ġie indirizzat b'diversi modi, inklużi l-emenda tar-regoli interni u l-istabbiliment ta' faċilitajiet ta' akkoljenza speċifiċi għall-applikanti li ma jirrispettawx ir-regoli eżistenti fis-sistemi ta' akkoljenza. Il-qrati kienu partikolarment attivi fit-tfassil tad-drittijiet ta' akkoljenza tal-applikanti, pereżempju, dwar it-tul tal-intitolament għal kundizzjonijiet ta' akkoljenza

materjali jew dwar il-libertà ta' moviment. Ittieħdu passi biex jiġi ffaċilitat aktar l-aċċess għas-suq tax-xogħol għall-applikanti li għandhom opportunitajiet tajbin li jingħataw protezzjoni, filwaqt li t-tagħlim tal-lingwi u l-korsijiet ta' orjentazzjoni soċjali saru obbligatorji, fxi każijiet, għall-applikanti wkoll.

Fil-qasam tad-detenzjoni, ġew introdotti liġijiet, emendi, jew struzzjonijiet governattivi ġodda f'numru ta' pajjiżi tal-UE+ biex jiġu definiti aktar jew jiġu elaborati raġunijiet għad-detenzjoni u alternattivi għad-detenzjoni fil-kuntast kemm tal-proċedura ta' ażil kif ukoll ta' ritorn, pereżempju, billi jiġi ċċarat aktar x'jikkostitwixxi periklu potenzjali għall-ordni pubbliku jew għar-riskju ta' ħarba. Barra minn hekk, ittieħdu passi għat-tiħi tal-appoġġ għal detenuti vulnerabbli u ż-żieda fit-trasparenza rigward id-detenzjoni. B'mod simili għall-2017, f'diversi pajjiżi tal-UE+, matul l-2018 iddaħħlu fis-seħħ dispożizzjonijiet legali ġodda li jillimitaw il-libertà tal-moviment jew jirrestrinġu r-residenza ta' persuni li jkunu qegħdin joqogħdu fiċ-ċentri ta' akkoljenza. Aktar tibdil fil-qasam tad-detenzjoni ffoka fuq il-limiti ta' żmien applikabbli u ż-żidiet fil-kapaċità ta' detenzjoni. Ġie espress tħassib minn atturi tas-soċjetà ċivili f'għadd ta' pajjiżi dwar l-implimentazzjoni mhux korretta tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ażil b'rabta mad-detenzjoni tal-applikanti għall-ażil u s-salvagwardji fi ħdan il-proċedura ta' detenzjoni.

Fir-rigward tal-proċeduri fit-tieni istanza, l-oqfsa leġiżlattivi, ta' politika u ta' prattika fil-pajjiżi tal-UE+ baqgħu relattivament stabbli matul l-2018, u fil-biċċa l-kbira kienu jinvolvu emendi minuri. Madankollu, il-qrati u t-tribunali involuti fil-proċeduri tal-ażil fit-tieni istanza jidhru li għandhom impatt dejjem akbar. Peress li matul l-aħħar sena ħafna applikazzjonijiet imxew għat-tieni istanza, il-qrati

u t-tribunali kellhom aktar opportunitajiet biex jaslu għal deċiżjonijiet ta' kjarifika, u b'hekk ikompli jiffurmaw oqsma oħra tal-proċedura tal-ażil.

B'mod partikolari, diversi pajjiżi tal-UE+ irrappurtaw bidliet fil-liġi, il-politika u fil-prattika li jseguw deċiżjonijiet tal-qrati Ewropej jew nazzjonali. L-iżviluppi f'dan il-qasam kienu jinkludu bidliet fil-limiti ta' żmien applikabbli, l-għoti ta' għajjnuna legali, u d-"dritt li wieħed jibqa'" sakemm tittieħed deċiżjoni fit-tieni istanza.

Peress li fl-2018 ħafna applikazzjonijiet imxew għat-tieni istanza, il-qrati u t-tribunali kellhom aktar opportunitajiet biex jagħtu deċiżjonijiet ta' kjarifika, u b'hekk ikompli jsawru oqsma oħra tal-ħtiġijiet tal-proċedura tal-ażil.



Fl-2018, il-produzzjoni tal-Infurmazzjoni dwar il-Pajjiż ta' Oriġini rat lill-pajjiżi tal-UE+ ikompli jsaħħu l-istandards u jtejbu l-assigurazzjoni tal-kwalità tal-prodotti tas-COI tagħhom. Il-pajjiżi tal-UE+ iproduċew u qasmu firxa wiesgħa ta' pubblikazzjonijiet regolari u pubblikazzjonijiet ġodda, li ħafna minnhom huma disponibbli permezz tal-Portal tas-COI tal-EASO. Ta' spiss, dawn il-pubblikazzjonijiet tas-COI jkunu bbażati fuq misjonijiet ta' sejbien ta' fatti fil-pajjiżi tal-UE+ imwettqa f'pajjiżi terzi. Bħala

tendenza ġenerali, ħafna Unitajiet tas-COI nazzjonali komplew il-kollaborazzjoni tagħhom mal-EASO u l-kontropartijiet tagħhom f'pajjiżi oħra, inkluż fil-qafas tan-Netwerks tas-COI tal-EASO.

L-acquis tal-UE dwar l-ażil jinkludi regoli dwar l-identifikazzjoni ta' u l-għoti ta' appoġġ lill-applikanti, li jeħtieġu garanziji proċedurali speċjali (b'mod partikolari bħala riżultat ta' turtura, stupru jew kwalunkwe forma oħra ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali). Wieħed mill-gruppi ewlenin huwa dak tal-minorenni mhux akkumpanjati li jfittxu protezzjoni mingħajr il-kura ta' adult responsabbli. Il-preżenza ta' minorenni mhux akkumpanjati mmotivat għadd ta' żviluppi fil-pajjiżi tal-UE+. Dawn kienu jinkludu, b'mod partikolari, aġġustamenti fil-kapaċità ta' akkoljenza għall-minorenni mhux akkumpanjati skont il-flussi rilevanti, u t-titjib ta' faċilitajiet ta' akkoljenza speċjalizzati; it-titjib tal-kura, fost l-oħrajn, permezz ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet u l-atturi nazzjonali tat-tielet settur; investimenti ulterjuri fil-kwalità u fil-kwantità ta' kura bbażata fuq il-familja; l-introduzzjoni ta' miżuri għal identifikazzjoni bikrija u salvagwardji proċedurali mmirati lejn l-iżgurar tal-benesseri u l-iżvilupp soċjali tal-minorenni; l-użu ta' teknoloġiji ġodda għall-valutazzjoni tal-età; u sforzi għat-titjib tal-għarfien espert tal-persunal li jimmaniġġja lil minorenni mhux akkumpanjati. Bl-istess mod, faċilitajiet u servizzi ta' akkoljenza speċjalizzati kienu fil-qalba ta' żviluppi li jikkonċernaw gruppi vulnerabbli oħra b'ħafna pajjiżi joħolqu faċilitajiet speċjalizzati, kif ukoll mekkaniżmi għall-identifikazzjoni u r-riferiment. F'għadd ta' pajjiżi, l-atturi tas-soċjetà ċivili esprimew tħassib dwar l-adegwatezza tal-kundizzjonijiet ta' akkoljenza għall-persuni vulnerabbli u n-nuqqasijiet fl-għoti ta' assistenza sistematika u mfassla apposta.

Persuni, li ngħataw forma ta' protezzjoni internazzjonali f'pajjiż tal-UE+, jistgħu jibbenefikaw minn firxa ta' drittijiet u benefiċċji marbuta ma' dan l-istatus. Id-drittijiet speċifiċi mogħtija lil benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali normalment jiġu stabbiliti fil-leġiżlazzjoni u fil-politiki nazzjonali. Bidliet leġiżlattivi, ta' politika u ta' Prattika għall-kontenut tal-protezzjoni fil-pajjiżi tal-UE+, matul l-2018, normalment benefiċjarji mmi-rati ta' protezzjoni internazzjonali, iżda wkoll gruppi akbar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni bi sfond ta' migrazzjoni, skont il-kuntest speċifiku għall-pajjiż.

B'mod ġenerali, ix-xejriet tal-UE+ huma diffiċli biex jiġi identifikati, peress li l-iżviluppi kienu mmotivati minn profili speċifiċi ta' benefiċjarji u l-karatteristiċi ġenerali tal-migrazzjoni fi ħdan il-kuntest nazzjonali. Irriżultaw żewġ oqsma li kien jidher li għadd ta' bidliet kienu miġbura fihom: ir-reviżjoni regolari tal-istatuses ta' protezzjoni u l-korsijiet soċjokulturali

u lingwistiċi marbuta mal-qasam tal-impjeggi.

Fir-rigward tar-ritorn, fl-2018 il-pajjiżi tal-UE+ komplew jitħabtu jirritornaw lura b'mod effettiv lil dawk li l-applikazzjoni għall-ażil tagħhom ġiet miċħuda; realtà riflessa fil-proporzjon relattivament baxx ta' ritorni effettivi. Fl-Analiżi tar-Riskju Annwali tagħha għall-2019, il-Frontex indikat li l-għadd ta' ritorni effettivi fl-2018 reġa' ma laħaqx id-deċiżjonijiet maħruġa mill-Istati Membri biex jirritornaw il-migranti. F'dan il-kuntest, il-bidliet leġiżlattivi introdotti fl-UE+ kienu jiffukaw fuq l-iffaċilitar tar-ritorn ta' applikanti preċedenti, jew billi jintemm l-effett ta' sospensjoni awtomatika tal-appelli għal ċerti profili ta' applikanti li jkunu ġew imqiegħda taħt proċeduri rapidi jew speċjali, jew billi jiġi minimizzat ir-riskju ta' ħarba, jew billi jittieħdu passi biex jiġi żgurat li d-dokumenti tal-ivvjaġġar neċessarji jkunu fis-seħħ fkaż li jkunu meħtieġa għall-finijiet ta' ritorn.

Kif tikkuntattja lill-UE

Personalment

Madwar l-Unjoni Ewropea kollha hemm mijiet ta' ċentri ta' informazzjoni tal-Europe Direct. Tista' ssib l-indirizz tal-eqreb ċentru għalik f'dan is-sit: https://europa.eu/european-union/contact_mt

Bit-telefown jew bil-posta elettronika

Europe Direct huwa servizz li jwieġeb il-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea. Tista' tikkuntattja dan is-servizz:

- bit-telefown bla ħlas: 00 800 6 7 8 9 10 11 (ċerti operaturi jafu jimponu ħlas għal dawn it-telefonati),
- fuq dan in-numru standard: +32 22999696, jew
- bil-posta elettronika permezz: https://europa.eu/european-union/contact_mt

Kif issib tagħrif dwar l-UE

Onlajn

L-informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE hija disponibbli fuq is-sit web Europa fuq: https://europa.eu/european-union/index_mt

Pubblikazzjonijiet tal-UE

Tista' tniżżel mill-internet jew tordna l-pubblikazzjonijiet tal-UE, li xi wħud minnhom huma bla ħlas u xi oħrajn bil-ħlas, minn: <https://publications.europa.eu/mt/publications>. Kopji multipli ta' publikazzjonijiet bla ħlas tista' tiksibhom billi tikkuntattja lil Europe Direct jew liċ-ċentru tal-informazzjoni lokali tiegħek (ara https://europa.eu/european-union/contact_mt).

Il-liġi tal-UE u dokumenti relatati

Għal aċċess għall-informazzjoni legali tal-UE, inkluż il-liġijiet kollha tal-UE mill-1952 'l hawn, fil-verżjonijiet lingwistiċi uffiċjali kollha, żur is-sit EUR-Lex hawnhekk: <http://eur-lex.europa.eu>

Dejta Miftuħa mill-UE

Il-portal tad-Dejta Miftuħa mill-UE (<http://data.europa.eu/euodp/mt>) jipprovdi aċċess għal settijiet tad-dejta mill-UE. Id-dejta tista' titniżżel mill-internet u tintuża mill-ġdid bla ħlas, kemm għal skopijiet kummerċjali kif ukoll mhux kummerċjali.

BZ-02-19-250-MT-C



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea

ISBN 978-92-9476-762-2
doi:10.2847/179265